MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 359/2005/1

**Marouska Cesare**

**v.**

**Shaun Bonello**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat l-attrici fid-19 ta' April tal-2005, li jaqra hekk:

> "Premess illi f'incident awtomobilitstiku li sehh nhar is-7 ta' Awwissu 2004 f'Bahar ic-Caghaq waqt li l-attrici kienet riekba bhala passiggiera ossia bhala 'pillion rider' fuq mutur misjuq minn certu Charlot Spiteri, dan il-mutur safa milqut minn vettura tal-marka Ranault misjuqa mill-konvenut Shaun Bonello bir-rizultat illi dan sussegwentement ikkaguna l-mewt ta' dan Charlot Spiteri, kif ukoll weggghet gravement l-attrici.
>
> "U premess illi, hekk kif se tipprova l-attrici waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-imsemmi incident awtomobilitstiku sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku unikament da parti tal-konvenut.
>
> "U premess illi l-attrici sofriet debilita` ta' natura permanenti fuq il-persuna taghha minhabba tali incident awtomobilistiku ta' 16% hekk kif gia` ccertifika l-konsulent mediku Dr. Carmel Sciberras.
>
> "U premess illi ghalkemm l-attrici debitament interpellat lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' April 2005 sabiex dawn jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.
>
> "Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:
>
> > "1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh n har is-7 ta' Awwissu 2004 b'Bahar ic-Caghaq fejn l-attrici weggghet u sofriet debilita` permanenti fuq il-persuna taghha sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici anke permezz tal-hatra ta’ perit nominand.

“3. Tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attrici ai fini tat-tieni talba attrici.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 5 ta’ April 2005 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 658/05 ipprezentat kontestwalment mal-presenti citazzjoni u l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-esponenti ma kien hemm ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza, u fil-fatt kien per konsegwenza tas-sewqan negligenti u traskurat da parti ta’ Charlot Spiteri – ma’ min kienet riekba l-attrici – illi sehh dan l-istess incident, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti m’huwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attrici, u ghaldaqstant m’ghandhux jigi kkundannat illi jhallas ebda danni.

“3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"4. Kif rakkontat mill-attriċi u mix-xhieda mressqa minnha, l-inċident seħħ hekk: L-attriċi kienet riekba fuq mutur misjuq minn Charlot Spiteri; magħhom kien hemm koppja oħra fuq mutur ieħor, misjuq mix-xhud James Callus. Kienu qegħdin fit-Triq tas-Salini sejrin lejn Buġibba, *i.e.* fuq il-karreġġjata tan-naħa tal-art, u ż-żewġ muturi kienu jinstaqu qrib xulxin. Ftit qabel ma waslu quddiem il-*Coastline Hotel* James Callus qabeż il-vettura tal-marka *Subaru* li kien hemm quddiemhom, li kienet misjuqa mix-xhud Peter Paul Degiorgio. Charlot Spiteri baqa' jsuq wara s-*Subaru* ta' Degiorgio.

"5. Ftit ħin wara l-konvenut, li kien qiegħed isuq *Renault* ġej mill-inħawi ta' Buġibba sejjer lejn Baħar iċ-Ċagħaq, u għalhekk kien qiegħed isuq lejn il-muturi u s-*Subaru*, *i.e.* fil-karreġġjata tan-naħa tal-baħar, qabeż xi vetturi oħra sejrin fl-istess direzzjoni tiegħu u biex jagħmel hekk invada l-karreġġjata tal-muturi u tas-*Subaru*, li f'dak il-ħin kienu laħqu qabżu l-*Coastline Hotel*. Biex ma jintlaqatx Callus ġibed lejn ix-xellug, u bħalu għamel Degiorgio. Ir-*Renault* tal-konvenut iżda laqtet il-ġenb ta' wara tas-*Subaru* ta' Degiorgio, laqtet il-mutur ta' Charlot Spiteri, li fuqu kienet riekba l-attriċi, u baqgħet iddur fuqha nfisha sakemm waqfet mal-bankina fuq in-naħa l-oħra tat-triq, nofsha imdawra lejn id-direzzjoni mnejn kienet ġejja, kif muri fuq l-iskizz imħejji mill-Perit Valerio Schembri[1].

"6. Bid-daqqa bejn ir-*Renault* tal-konvenut u l-mutur, miet Charlot Spiteri u korriet l-attriċi.

"7. Il-konvenut, min-naħa l-oħra, igħid illi kien il-mutur misjuq minn Charlot Spiteri li, biex jaqbeż is-*Subaru*, daħal fil-karreġġjata tiegħu u ħabat mar-*Renault*. Bid-daqqa nkisret il-parabrezza tar-*Renault* f'wiċċ il-konvenut u dan tilef il-kontroll tal-vettura, li spiċċat kif muri fuq l-iskizz.

"8. Il-verżjoni tal-attriċi hija korroborata minn diversi xhieda; il-konvenut kien waħdu fil-karrozza tiegħu.

1 *Fol*. 114.

"9. Ix-xhud Joseph Zammit, li kien maħtur bħala espert mill-maġistrat inkwirenti, xehed illi "l-inċident seħħ fil-karreġġjata tax-xellug meta mid-direzzjoni tas-*Salina Coast Hotel* sejjer lejn San Pawl il-Baħar, hekk kif tiskorri l-istess lukanda"[2]. Sab ukoll brix mal-art u *débris* fl-istess karreġġjata, *i.e.* dik li minnha kienu għaddjjin il-muturi u s-*Subaru*.

"10. Dan jaqbel mal-verżjoni tal-attriċi. Madankollu hemm xi dettalji li joħolqu dubji.

"11. Fir-relazzjoni li ħejja għall-inkjesta, l-espert Zammit qal illi sid is-*Subaru*, *i.e.* ix-xhud Degiorgio, ilmenta miegħu illi s-*Subaru* ntlaqtet mill-mutur[3], mhux mir-*Renault* tal-konvenut. Tassew illi dak il-ħin Degiorgio ma kienx qiegħed jixhed taħt ġurament, waqt li, meta xehed b'*affidavit*[4] kif ukoll meta kien kontro-eżaminat quddiem il-qorti[5], xehed illi l-vettura tiegħu ntlaqtet mir-*Renault* tal-konvenut mhux mill-mutur. Madankollu, kliem ix-xhieda fuq il-post tal-inċident u ftit tal-ħin biss wara li jkun seħħ ma huwiex nieqes minn kull relevanza. Sfortunatament, lill-espert dak il-ħin deherlu li ma kellux għalfejn jara jekk il-ħsara fuq is-*Subaru* kinitx saret b'daqqa mar-*Renault* jew mal-mutur[6], għalkemm, fiċ-ċirkostanzi, dan kien fattur relevanti biex tifhem kif seħħ l-inċident.

"12. Dettall ieħor li jħasseb lill-qorti huwa illi, għalkem huwa minnu illi l-vetturi spiċċaw fuq il-karreġġjata tal-mutur, fejn jidher ukoll brix mal-art u xi ħwejjeġ oħra, l-ewwel biċċa ta' *débris* – il-fdalijiet tal-mera tal-mutur li fuqu kienet l-attriċi – instabet fuq il-karreġġjata l-oħra, dik tal-konvenut. Dan x'aktarx jindika illi l-ewwel ħabta seħħet fuq il-karreġġjata tal-konvenut għax jekk bid-daqqa l-mutur intefa' lejn ix-xellug tiegħu, tant illi spiċċa taħt il-bankina tax-xellug tiegħu, diffiċli tifhem kif il-mera bl-istess daqqa taret lejn il-lemin flok lejn ix-xellug ukoll.

"13. Għalkemm ma tiskartax leġġerment ix-xhieda li xehdu favur it-teżi tal-attriċi, il-qorti ma hijiex sodisfatta, lanqas fuq bażi ta' probabilità, illi l-inċident tassew seħħ kif qalu dawk ix-xhieda. Wara kollox, ix-xhieda *ponderantur non numerantur*. Temmen pjuttost illi kien il-mutur misjuq minn Charlot Spiteri li,

---

2 *Fol*. 63.
3 *Fol*. 79.
4 *Fol*. 32.
5 *Foll*. 137 *et seq.*
6 *Fol*. 68.

biex jaqbeż is-*Subaru* u jerġa' jiġi biswit il-mutur l-ieħor, daħal fil-karreġġjata tal-konvenut u ħabat mar-*Renault*, u din imbagħad, għax is-sewwiq bid-daqqa tilef il-kontroll, marret in-naħa l-oħra tat-triq u kaxkret il-mutur magħha. Dan jaqbel ukoll ma' dak li s-sewwiq tas-*Subaru* qal lill-espert Zammit fuq il-post tal-inċident. Ma huwiex ukoll bla relevanza l-fatt illi meta seħħ l-inċident Charlot Spiteri kellu livell ta' alkoħol fid-demm ferm ogħla minn kemm tippermetti l-liġi, u dan seta' fixkel il-ġudizzju tiegħu dwar jekk kienx għaqli jagħmel sorpass f'dik il-parti tat-triq u f'dawk il-kondizzjonijiet ta' traffiku.

"14. Jekk tassew l-inċident seħħ hekk, ma jistax jingħad illi l-konvenut jaħti għall-inċident.

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"… … … thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Marouska Cesare v. Shaun Bonello' datata 19 ta' Ottubru u dana billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut-appellat, tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici-appellanta u tillikwida somma in linea ta' danni li ghandha tithallas mill-appellat lill-appellanta u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;"

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"… … … tichad l-appell fit-totalita` tieghu tal-appellanti Cesare u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti datata 19 ta' Ottubru 2010 fit-totalita` taghha, bl-ispejjez doppji taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fi triq tas-Salini fis-7 ta' Awwissu, 2004. L-attrici kienet pillion rider fuq mutur misjuq minn certu Charlot Spiteri, li miet meta l-mutur allegatament intlaqat minn vettura tat-tip Renault misjuqa mill-konvenut. L-attrici tghid li garbet danni personali b'konsegwenza ta' dan l-incident. Kif sehh l-incident u l-verzjoni li taw il-partijiet jinsabu elenkati fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Fil-qosor jista' jinghad li Charlot Spiteri u l-attrici kienu qed isuqu fid-direzzjoni lejn Bugibba, waqt li l-konvenut li kien qed isuq vettura tat-tip Renault kien gej mid-direzzjoni opposta. Skont l-attrici, il-konvenut kien qed jissorpassa vetturi li kienu quddiemu, invada l-karreggjata l-ohra u sab quddiemu Subaru misjuqa minn certu Degiorgio, laqatha, u laqat il-mutur tal-attrici li kienet wara s-Subaru. Skont il-konvenut, Charlot Spiteri kien qed jissorpassa lis-Subaru u dahallu fil-karreggjata tieghu. Il-konvenut jghid li hu kien qed isuq fil-karreggjata tieghu, u sab il-mutur quddiem wiccu. Il-konvenut jghid li Charlot Spiteri u l-attrici riedu jissuperaw lis-Subaru, peress li maghhom kien hemm koppja ohra fuq mutur, misjuq minn certu James Callus, li kien issupera s-Subaru, u Charlot Spiteri ried jilhqu halli jkomplu jsuqu flimkien.

Apparti l-konvenut, ix-xhieda kollha tal-attrici, inkluz diversi esperti li kienu inhatru mill-Magistrat inkwirenti li investiga l-incident, jaqblu mal-verzjoni tal-fatti li tat l-attrici u li l-incident sehh fil-karreggjata li fiha kienu qed isuqu huma wara sorpass mill-konvenut. L-ewwel Qorti sabet, pero`, favur il-konvenut wara li qieset zewg fatturi li, skont hi, hallewha fid-dubju dwar il-veracita` tat-tezi attrici. Dik il-Qorti qalet li: (i) wiehed mill-esperti xehed li sid is-Subaru, Peter Paul Degiorgio, qallu, wara l-incident, li kien il-mutur ta' Spiteri li dahal fih, u mhux ir-Renault tal-konvenut; u (ii) fil-karreggjata tal-konvenut kien hemm fdalijiet tal-mera tal-mutur li fuqu kienet l-attrici, li "*x'aktarx*" jindika li l-ewwel habta sehhet fil-karreggjata tal-konvenut.

Kif inghad, l-attrici appellat mis-sentenza, u ghalkemm tapprezza li qed tilmenta mill-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, tqis li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi li tressqu quddiemha, u tistieden lil din il-Qorti taghmel ezami hi tac-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident.

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kif inhu doveruz li taghmel, tara li l-ewwel Qorti rabtet id-decizjoni taghha ma' zewg fatturi li, anke legalment, difficli jservu biex iwaqqghu il-prova konkluziva li gabet l-attrici permezz ta' xhieda okulari. Xhud okulari u indipendenti, Peter Paul Degiorgio, li kien qed isuq il-karozza Subaru, xehed li mieghu fil-karozza kellu lit-tfajla tieghu Daniela Rosso (illum martu Degiorgio) li kienet rieqda, kif ukoll lil Johan Ellul u

Rebecca Casha. Qal li kif qabzu l-Coastline Hotel kien ra vettura gejja taqsam min-naha taghha ghal fuq in-naha tieghu, b'velocita` daqsxejn eccessiva. Kien xeghel il-bright izda d-driver xorta baqa' gej fuq in-naha ta' fejn kien qed isuq ix-xhud head on. Ix-xhud isswervja fuq in-naha tal-genb tat-triq. Il-karozza li kienet gejja minn faccata laqtitu fuq in-naha tal-genb ta' wara u laqtet lill-mutur. Il-karozza kellha hsara fuq il-mudguard ta' wara, il-bumper u l-fanal ta' wara. Il-mutur f'ebda hin ma pprova jaqbzu. Ix-xhieda Johan Ellul u Rebecca Casha jikkonfermaw din id-deskrizzjoni tal-incident, u jinsistu li l-mutur li fuqu kienet l-attrici kienet warajhom meta sehh l-incident. Din il-Qorti ma tarax kif xhieda hekk cara tista' tigi skartata a bazi ta' dak li l-espert qal li sema' lil Degiorgio jghid (*detto del detto*) fuq il-post tal-incident. Dak li qal dan ix-xhud dak inhar tal-incident huwa, veru, ta' importanza, pero`, hu car li kien taht l-effetti ta' *shock* dovut mill-incident, u meta xehed bil-gurament, kemm f'dawn il-proceduri civili kif ukoll fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut, hu ikkonferma din il-verzjoni li l-mutur kien warajh meta sehh l-incident. Id-diskors dak inhar tal-incident seta' intqal kif intqal peress li Johan Ellul kien semma' l-mutur hekk kif instemghet id-daqqa, u s-Sur Degiorgio, fil-fixkla, qal li kien laqat l-mutur.

Kif inghad, fil-kaz, tmexxiet inkjesta bil-Magistrat u din il-Qorti tapprezza li l-provi fil-process krimnali huma indipendenti minn dawk civili u decizjoni fil-kamp civili ma ghandux ikun bazat fuq il-provi li nstemghu fil-kamp kriminali. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Marzu, 2011, jirrizulta,

pero` fuq dan il-punt, li aktar tard dak inhar stess tal-incident, is-Sur Degiorgio xehed bil-gurament u qal li kienet il-vettura tal-konvenut li laqtitu.

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li stqarrija li nghatat fic-cirkostanzi li nghatat l-ewwel stqarrija tax-xhud Degiorgio, ghandha tinghata tant importanza li xxejjen il-provi l-ohra kollha li ngiebu fil-materja.

Fil-kuntest tat-tieni fattur – fejn instabu l-fdalijiet tal-mera tal-mutur – din il-Qorti tirrimarka li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha fuq il-kaz, qieset din ic-cirkostanza bhala li “*jqanqal dubju fejn kien il-mutur fil-mument tal-habta*”. Dan il-“*lurking doubt*”, kif iddeskrivietu l-Qorti, seta’ kien bizzejjed meta l-grad ta’ prova huwa certezza minghajr dubju ragjonevoli, izda meta l-grad ta’ prova huwa fuq bilanc ta’ probabbilita`, tara li l-ewwel Qorti kienet zvelta wisq, meta skartat anke x-xhieda ta’ zewg esperti (mahtura mill-Magistrat inkwirenti), li xehedu f’dawn il-proceduri, u li qalu li l-incident sehh fil-karreggjata tal-attrici, fejn kien jinsab il-mutur u l-kwantita` kbira tad-*debris*. Il-brix mal-art kien fin-naha tal-attrici, u ghax bicciet tal-mera instabu n-naha l-ohra tat-triq, vicin hafna l-linja tan-nofs tat-triq, ma kellux ikun bizzejjed biex twarrab anke d-deposizzjoni ta’ tlett xhieda okulari u indipendenti mill-partijiet.

Veru li Charlot Spiteri, li kien qed isuq il-mutur li fuqu kienet riekba l-attrici, kellu livell ta' alkohol oghla minn dak permissibbli ghas-sewqan, pero` il-konvenut kellu l-livell tieghu ta' alkohol gholi wkoll, u bil-mod li bih il-konvenut kien qed isuq, jidher li dan ma kellux kontroll shih tal-vettura tieghu. F'dawn il-proceduri, il-konvenut xehed li hu ma laqat l-ebda vettura, izda l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza aktar qabel imsemmija, ikkonkludiet – minghajr ebda dubju ragonevoli – li "*il-brix fuq is-Subaru sar mill-appellant*", il-konvenut Bonello, fatt li jitfa' dubju serju fuq il-kredibbilita` tal-istess konvenut. Dik il-Qorti kkonkludiet ukoll li l-konvenut f'xi hin "*zgur kien qed isuq lejn in-naha tas-Subaru*", haga li f'dawn il-proceduri innega, izda li issa jirrizulta mod iehor.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, hi konvinta mit-tezi attrici indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabiltajiet, u tara li ghandha thassar is-sentenza u tilqa' l-ewwel talba attrici.

Dwar it-talbiet l-ohra attrici, marbuta mal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, tara illi la darba din il-materja ma gietx mistharrga u deciza mill-ewwel Qorti, ikun jaqbel li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tisma' u tiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talba attrici b'rispett tal-beneficcju ghal doppio esame li ghandhom il-partijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tilqa' l-ewwel talba attrici billi ssib li l-konvenut wahdu jahti ghall-incident li fih allegatament weggghet l-attrici; l-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz u tiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talba attrici.

L-ispejjez tal-kawza sa dan l-istadju, jithallsu kollha mill-konvenut Shaun Bonello, appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------